# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2019
Rikors Numru: 328/2017 VGA

1. **Grace Cini** (K.I. 200971M)
2. **Kirsten Catania** (K.I. 422191M)

***vs***

1. **Roderick Agius bhala editor tal-gazzetta "Il-Mument" u "In-Nazzjon"**
2. **Joe Mikallef**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-avviż ippreżentat mir-rikorrenti fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li permezz tieghu r-rikorrenti talbu:-

   *"Prevja dikjarazzjoni illi l-kontenut ta' l-artikli ppublikati fil-ġurnal "Il-Mument" tat-13 ta' Awwissu 2017 intitolat "IX-XEBGĦA TA' PRIGUNIER MALTI FIL-HABS"- Mhux Eskluza tpattija minhabba negozju dwar droga", fil-gurnal "In-Nazzjon" tad-9 ta' Awissu 2017 intitolat "Prigunier jaqla' xebgha minn prigunieri Gharab", fil-gurnal "In-Nazzjon" tal-10 ta' Awissu 2017 intitolat "Ommu ma tithalliex taraħ" u fil-ġurnal "In-Nazzjon" tal-11 ta' Awissu 2017 intitolat "TITKELLEM OMM IT-TARBIJA . . .WARA LI L-MISSIER KIEN IMSAWWAT FIL-HABS Ngħix ghal-binti . . .li illum tassew ma jonqosha xejn" li tagħhom il-konvenuti huma l-editur u l-awtur rispettivament, jikkontjenu fatti*

*foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-atturi jew min minnhom u li ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghhom, tħallsu dik is-somma li tigi likwidata mil-Qorti a tenur ta'l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa huma inġunti in subizzjoni"*[1]

2. Rat ir-risposta tal-intimati Roderick Agius u Joe Mikallef pprezentata fit-28 ta' Novembru 2017 li permezz taghha ecceppew illi "*t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom ghas-segwenti ragunijiet-*

    1. *Li m' hemmx danni x' jigu likwidati fil-proceduri odjerni.*

    2. *Li mingħajr pregudizzju ghas-soespost, l-artikli lamentati, ossija dak tat-13 ta' Awissu 2017 fil-gurnal Il-Mument bit-titlu ' Ix-xebgha ta' prigunier Malti fil-habs – mhux eskluza tpattija minhabba negozju dwar droga', kif ukoll dak tad-9 ta' Awissu 2017 fil-gurnal In-Nazzjon bit-titolu 'Priġunier jaqla' xebgħa minn priġunieri Għarab', kif ukoll dak tal-10 ta' Awissu 2017 fil-gurnal In-Nazzjon bit-titolu 'Omm ma titħalliex tarah', kif ukoll dak tal-11 ta' Awissu 2017 fil-gurnal In-Nazzjon intitolat 'Titkellem omm it-tarbija . . . wara li l-missier kien imsawwat fil-habs – Ngħix ghal binti . . . li llum tassew ma jonqosha xejn', mhumiex libellużi u / jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent, izda jikkonsistu biss f' fatti verifikabbli u / jew kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li ghalhekk, huma fair comment, kritika accettabbi f' socjeta' demokratika u ezercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

    3. *Li wkoll mingħajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jiddentifikaw il-kummenti u / jew kontenut iehor ta' natura allegatament libelluża u /jew malafamanti fl-artikli lamentati fil-konfront tar-rikorrenti.*

    4. *Li wkoll mingħajr pregudizzju ghas-suespost, ma jirrizultax li kien hemm kummenti u/jew kontenut iehor ta' natura allegatament libelluża u /jew malafamanti fl-artikli lamentati fil-konfront tar-rikorrenti.*

    5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."* [2]

[1] A fol. 1
[2] A fol. 15-16

3. Rat l-atti processwali kollha u kkunsidrat l-provi li gew imressqa quddiemha inkluz provi dokumentarji.

4. Rat l-artikli tal-gazzetta mertu tal-avviz u cioe' kopja tal-artiklu ppubblikat fil-gurnal **"In-Nazzjon" tal-11 ta' Awissu 2017** intitolat "*TITKELLEM OMM IT-TARBIJA ... WARA LI L-MISSIER KIEN IMSAWWAT FIL-HABS – Ngħix ghal binti ... li llum tassew ma jonqosha xejn"* (a fol.2 u 5), kopja tal-artiklu pubblikat fil-gazzetta **"In-Nazzjon" tal-10 ta' Awissu 2017** intitolat "*Ommu ma tithalliex tarah*" (a fol. 4 u fol.3); kopja tal-artiklu ppubblikat fil-gazzetta **"In-Nazzjon" tad-9 ta' Awissu 2017** intitolat "*Priġunier jaqla' xebgħa minn priġunieri Għarab* (a fol.6,7) u kopja tal-artiklu ppubblikat fil-gazzetta **"Il-Mument" tat-13 ta' Awwissu 2017** intitolat "*IX-XEBGĦA TA' PRIĠUNIER MALTI FIL-ĦABS" - Mhux Eskluza tpattija minhabba negozju dwar droga*" (a fol.8,9).

5. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha ta' Grace Cini tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018)[3] li nghatat quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.

6. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha tal-Maġġur Charlie Bonnici tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) li nghatat quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.[4]

7. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha tal-*Assistant Correctional Manager* Nigel Bruno tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) li nghatat quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.[5]

8. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha ta' Maria Vassallo tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) li nghatat quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.[6]

9. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha ta' Saviour Lia tas-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) li nghatat quddiem din il-Qorti diversement presjeduta u rat l-*SRT Incident Report* ezebit minn dan ix-xhud.[7]

10. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha ta' WPS 269 Miriam Lia tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) li nghatat quddiem din il-Qorti

[3] fol. 23 sa 29
[4] Fol. 30 sa 36
[5] Fol. 37 sa 46
[6] Fol. 47 sa 56
[7] Fol. 58 sa 65

diversement presjeduta u rat id-dokument ossia *current incident report* 3/E/2813/2017 mmarkat Dok ML1 esebit minnha.[8]

11. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha tal-Ispettur Hubert Cini tat-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u tal-ħmistax ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) lkoll moghtija quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.[9]

12. Rat it-traskrizzjoni tax-xhiedha ta' Kirsten Catania tal-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u tal-erbgħa u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) lkoll moghtija quddiem din il-Qorti diversement presjeduta.[10]

13. Rat in-noti tas-sottomissjonijiet finali rispettivi tal-partijiet pprezentati fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) rispettivament.[11] [12]

14. Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2019.

**Ikkunsidrat:**

15. Illi r-rikorrenti, omm u iben li t-tnejn qeghdin jiskontaw piena karcerarja gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, qeghdin jibbazaw il-kawza taghhom a tenur tal-artiklu 28 tal-Att Dwar L-Istampa, Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi testwalment kif gej:

    ***28.*** *(1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artiklu 3, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

    *(2) F'kull każ li għalih japplika dan l-artiklu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel jew offra li jagħmel apoloġija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jagħmel f'każ li l-azzjoni tkuninbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħmel dik l-apoloġija:*

    *Iżda l-konvenut ma jistax iġib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun ġieb il-prova tal-verità skont l-artiklu 12."*

[8] Fol. 71 sa 79
[9] Fol. 82 sa 85, 87 sa 88
[10] Fol. 89 sa 94, 97 sa 108
[11] Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti a fol. 110 sa 116
[12] Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati a fol. 117 sa 122

16. Illi *in sintezi* l-eccezzjonijiet principali tal-intimati (l-editur tal-gazzetti in kwistjoni u l-awtur tal-artikli lamentati) huma tnejn u huma alternattivi kif ukoll kumulattivi (lkoll migbura fit-tieni paragrafu tar-risposta) u cioe' li l-artikli citati mir-rikorrenti m'humiex libellużi u / jew malafamanti fil-konfront taghhom, izda jikkonsistu biss **f'fatti verifikabbli** u / jew **kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li ghalhekk, huma *fair comment***, kritika accettabbli f' socjeta' demokratika u eżercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, *inter alia* mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-eccezzjonijiet l-ohra huma ta' natura sekondarja fis-sens illi l-ewwel wahda (rigward in-nuqqas ta' ezistenza tad-danni) u r-raba' wahda (nuqqas ta' kummenti/kontenut libelluz) huma dipendenti fuq id-decizjoni tal-Qorti dwar l-eccezzjonijiet principali, mentri t-tielet wahda (rigward l-identifikazzjoni min-naha tar-rikorrenti tal-kummenti/kontenut libelluz) giet sorvolata fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti.

*Kap. 579: L-Att dwar il-Midja u l-Malafama*

17. Illi qabel xejn ghall-finijiet ta' precizjoni ghandu jinghad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' meta din il-kawza kienet diga infethet u kienu ghandhom qed jinstemghu l-provi, dahal fis-sehh permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat "l-Att dwar il-Midja u l-Malafama".

18. Illi ghalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 gie imhassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579: *"l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar"*. Ghaldaqstant huwa car illi huma d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw ghall-kawza odjerna.

*Id-difiza tal-verita' tal-fatti ("exceptio veritatis")*

19. Illi l-intimati *inter alia* jsostnu illi l-artikli in kwistjoni jikkonsistu f'fatti veritieri.

20. Illi din id-difiza hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet ohra tipprovdi illi l-prova tal-verita' tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa taht wahda jew iktar mill-hames kategoriji elenkati u cioe:

   i. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

   ii. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onestà, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

   iii. *Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew*

iv. *Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew*

v. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

21. Illi jidher mill-ewwel allura illi din id-difiza m'hijiex ammissibli proprju ghaliex ir-rikorrenti Grace Cini u Kirsten Catania la huma ufficjali jew impjegati pubblici, la huma kandidati ghal kariga pubblika, la jezercitaw professjoni, arti jew sengha (u jekk b'xi mod jezercitaw, l-fatti attribwiti lilhom ma' jikkoncernawx tali professjoni, arti jew sengha), la jiehdu parti attiva fil-politika u lanqas m'ghandhom kariga ta' fiducja.

22. Illi kif sejjer jinghad izjed 'l quddiem, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument ir-rikorrenti kienu jaqghu taht xi wahda mill-kategoriji msemmija, din id-difiza xorta wahda ma' tregix proprju ghaliex il-"fatti" lamentati ma' kienux veritieri.

23. Illi kif inghad mill-awtur celebri John Clement Carpenter Gatley, awtorita' fil-ligi Ingliza fejn tidhol il-ligi tal-malafama (libelli u kalunji):

***"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"***[13]

24. Illi "dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti ("plea of justification"), irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbilta' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabilit li ***in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified"***[14]

25. Illi s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb.

---

[13] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.

[14] **Brian Ebejer vs Dennis Degiorgio** (QPA:CIV:2066:1998:JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011). Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imhallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġ. 86"*

*Id-difiza tal-"fair comment"*

26. Illi l-intimati jsostnu ukoll (jew b'mod alternattiv) illi l-artikli jikkontjenu kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li ghalhekk, huma *fair comment*, kritika accettabbli f' socjeta' demokratika u eżercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

27. Illi dwar din id-difiza **Gatley** jghid kif gej:

***"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."*** [15]

28. Illi fis-succint, l-elementi tad-difiza tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati taghna[16] huma ghalhekk hamsa:

i. Il-kumment irid ikun gie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;

ii. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;

iii. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;

iv. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u

v. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.

---

[15] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336

[16] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (QPA:CIV:946:1997:JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

29. Illi fil-gurisprudenza Ingliza intqal ukoll illi d-difiza (intimati f'dan il-kaz) trid tipprova l-ewwel erba' elementi mentri l-ahhar element (dik tal-hazen jew "*malice*") trid tigi ppruvata mill-persuna leza:

    ***"A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice"***[17]

30. Illi l-artikli nkitbu f'kuntest aktar wiesa ta' kritika lejn it-tmexxija tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin cioe' il-kritika ewlenija illi fl-assenza tad-Direttur tal-Hab is-sitwazzjoni fil-habs dak iz-zmien kienet bla kontroll. Il-Qorti tikkunsidra li l-kuntest u cioe' rappurtagg ta' avvenimenti li jkunu sehhew f' entita pubblika u cioe l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, hija ta' interess pubbliku. Madanakollu dan wahdu mhux bizzejjed biex jiggustifika d-difiza ta' *fair comment.*

<u>*L-artikli lamentati*</u>

31. Il-Qorti kkunsidrat kull artiklu individwalment b'mod kronologiku skond id-data tal-pubblikazzjoni taghhom.

32. Illi l-ezercizju li ghandha quddiemha din il-Qorti naturalment ma huwiex jekk dak li gie allegat fl-artikli dwar it-tmexxija tal-habs hijiex minnha jew le izda hija limitata biss ghal eżercizzju dwar jekk il-partijiet li jirriferu ghar-rikorrenti (u specifikati fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom) humiex jew le fatti foloz u malafamanti fil-konfront taghhom jew min minnhom u jekk ghandhomx bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghhom.

<u>*L-artiklu ppubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" tad-9 ta' Awissu 2017 intitolat "Priġunier jaqla' xebgħa minn priġunieri Għarab"*</u>

33. L-ilmenti tar-rikorrenti dwar dan l-artiklu fil-qosor huma

    - Gie ppubblikat ritratt tar-rikorrent Kirsten Caruana fl-ewwel paġna

[17] **<u>Spiller et. vs Joseph et</u>**.(deciza mill-Qorti Suprema Ingliza fl-1 ta' Dicembru 2010)

- Fl-ewwel paġna gie rrapportat: "Jidher li f' mument waqt din it-tfittxija, l-Pulizija **sabu xi oggetti deskritti bhala illegali** li jinzammu minn prigunier fic-cella tieghu." [enfazi tar-rikorrenti]
- F' pagna 3 tal-istess artiklu gie rapportat li: "Fid-dawl ta' dak li gara nhar it-Tnejn li għadda, jidher li xi hadd fil-Habs iddecieda li jpattiha bl-ikrah lil Kerstin Catania, u ftit wara l-fall in filghodu, membri tal-SRT tal-Habs daħlu armati jfittxu kull rokna fic-cella ta' Kerstin Catania u f' mument minnhom qalu li kienu **sabu xi oggetti illegali.**" [enfazi tal-atturi]
- Dan l-artiklu jidhol fid-dettal fil-kwistjonijiet familjari tal-esponenti u tissemma l-problema ta' droga fil-habs.

34. Illi fl-ewwel lok dwar ir-ritratt ippubblikat fuq il-gazzetta allavolja wiehed jista' forsi jikkritika decizjoni editorjali li jippubblika ritratt tar-rikorrent fl-ewwel paġna bi prominenza, din ma tistax minna nfusha u wahedha titqies li hija libelluza jew malafamanti fil-konfront tieghu. Illi l-kunsiderazzjoni fuq dan l-aspett jgħodd ukoll ghal artikli kollha mertu ta' din il-kawża.

35. Illi mix-xhiedha prodotta jirrizulta li fattwalment kienet saret tfittxija fic-cella tar-rikorrent Kirsten Catania u li fit-tfittxija nstabu xi oggetti suspettużi tant li nfethet inkjesta maġisterjali fuq is-sejba. Xhur wara l-pubblikazzjoni tal-artiklu fil-gazzetta rrizulta pero li s-sustanza kienet tabakk u mhux sustanza illegali.

36. Dawn il-fatti gew ikkonfermati minn diversi xhiedha prodotti mir-rikorrenti. Ix-xhud <u>Maggur Charlie Bonnici</u>[18] stazzjonat ġewwa l-Habs ta' Kordin ikkonferma li kienet saret *search* fic-cella ta' Kirsten Catania u li nstabu dak li eventwalment irrizulta li kienu xi erbatax jew hmistax il-borza ta' tabbakk, cioe izjed milli kemm suppost kellu jkollu fil-pussess tieghu Catania skond ir-regolamenti tal-habs. <u>Saviour Lia, Correctional Manager</u> fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jikkonferma li saret *search* fic-cella ta' Kirsten Catania fit-8 ta' Awwissu *u* li kienet nstabet sustanza suspettuża fic-cella. Jghid ix-xhud illli "*F' dawn il-kazijiet meta jiġri hekk u ġara f' dan il-kaz ukoll, jigu irrappurtati, isir rapport lil pulizija minhabba li aħna ovvjament ma kellniex konferma x' inhi s-sustanza u l-pulizija minn naha taghħom jaghmlu l-investigazzjonjiet u jigi police case, igifieri jgħaddi ghand il-pulizija u ahna ma nibqghux involuti dment li l-pulizija ma jerghhux jikkuntattjawna bl-ezitu u jghidulna irrizultatx xi sustanza illegali. Pero' bhala prekawzzjoni kif isir f' kull kaz simili, dakinnhar hu kien tniżżel f' division 6.*"[19] Ix-xhud jghid illi huwa rrapporta lill-Pulizija u skond ir-rapport li kellu f'idejh kien jidher li l-affarijiet misjuba inghataw lil WPS 269 f' "*evidence bag*".

[18] Fol 30 sa 36
[19] Fol. 60

37. WPS 269 Miriam Lia stazzjonata l-Ghassa ta' Rahal Gdid esebiet il-*Current Incident Report 3/E/2813/2017* immarkat ML1[20] u fix-xhiedha taghha qalet hekk:

"*Jiena mort fuq il-post igifieri CCF, l-ufficjali tal-ħabs kienu infurmawni li kienet saret spezzjoni f' cella 21 ta' Division 1, liema cella jinzamm fiha Kirsten Catania. Fuq il-persuna tieghu kien instab sigraett b' sustanza suspettuza u ukoll fuq il-komodina ta' din ic-cella instabet landa tal-metall b' kontenut ta' kulur ahdar, lewn ahdar, liema kontenut kien suspett li kien xi sustanza irregolari. L-affarijiet kollha gew mgħodijja u siġillati f' evidence bag. Hadt il-verzjoni tal-ufficjali hawn imsemmija fir-rapport li saret minnhom is-search, kif ukoll tkellimt ma Kirsten Catania. Kirsten Catania, jiena, kif ukoll tlieta mill-ufficjali tal-ħabs iffirmajna l-evidence bag. Ħadt il-verzjoni ta' Kirsten Catania fejn jiena staqsejtlu xi domandi, liema domandi qegħedin ukoll fir-rapport u hemm ir-risposta tiegħu. Bil-każ infurmajt ukoll lil Ispettur Cini, Hubert Cini, Hubert Cini li hu ħatar li ssir . . .informa lill-Maġistrat u nħatret inkjesta. U l-evidence bag gie mgħoddi kollox lis-Sur Cini.*"[21]

38. L-Ispettur Hubert Cini kkonferma li giet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa u li infetħet inkjesta maġisterjali fuq il-kaz. Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2018 huwa xehed dwar l-ezitu tal-inkjesta magisterjali u qal hekk:

*"L-inkjesta rigward sustanza suspettuża misjuba fuq Kirsten Catania fit-8 ta' Awwissu tas' 17, fil-fatt kienet magħluqa fit-3 ta' Jannar 2018. Il-process ma kienx gie ghandi l-PV. Issa jiena ghamilt ricerka tieghi u mill-PV tal-inkjesta rrizulta li dawk it-tracci ta' sustanza ma kellhomx fihom l-ebda' tracca ta' sustanza projbita jew illegali."*[22]

39. Illi f'parti mill-artiklu lamentat l-intimat Mikallef juza l-kliem "*xi oggetti deskritti bhala llegali*". Ma' ngabet l-ebda xhiedha pero illi tikkonferma li xi hadd iddeskriva l-oggetti misjuba bhala llegali u ghalhekk jidher illi d-deskrizzjoni kienet wahda maghmula mill-artikolista nnifsu. F'parti ohra tal-artiklu (l-ewwel parti) infatti l-intimat Mikallef jghid huwa nnifsu li l-oggetti kienu llegali (cioe' ma' jghidx li xi hadd ddeskrivihom bhala tali). Illi jirrizulta car ghalhekk illi l-intimat Mikallef kien skorrett jekk mhux ukoll dizingenju meta kwazi hames xhur qabel ma' l-Magistrat Inkwerenti ghalqet l-inkjesta taghha huwa kien diga ghamilha fatta illi l-oggetti misjuba fis-*search* kienu "illegali". Huwa minnu illi s-sejba ta' dan it-tabakk zejjed kienet minnha nnifisha ksur tar-regolamenti tal-habs pero kif argumentaw tajjeb ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom: *"L-unika irregolaritajiet li kien hemm kien propju fejn l-attur kellu aktar tabakk minn dak permissibbli. Dan pero ma jfissirx*

[20] Fol. 74 sa 78
[21] Fol 71b
[22] Fol. 88

*li huwa kellu xi oggetti illegali. Tabakk huwa materjal legali. Jekk l-attur kellu fil-pussess tieghu kwantita' akbar milli suppost ma jaghmilx it-tabakk illegali izda sempliciment ifisser illi l-attur kiser regola interna tal-habs li ma twassal ghal ebda illegalita. Ksur ta' regoli bhal dik de quo, ma jwasslux ghal passi kriminali izda biss ghal dawk dixxiplinari."*

40. Illi ma' jistax jinghad ghalhekk illi l-fatt li nstabu oggetti llegali kien fatt sostanzjalment veru. Anzi kien fatt skorrett u bhala tali ma' jistax ikun il-bazi ta' *kumment gust* u lanqas tista' tingieb xi prova tal-verita' biex tiggustifikah.

41. Illi l-*animus iniuriandi* huwa prezunt meta l-kliem li nghad huwa ingurjuz; imma din il-prezunzjoni hija iuris tantum li sservi biex tixhet fuq l-intimati l-piz tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-*animus*. Il-*bwona fede* tad-diffamatur ma ghandiex x'taqsam. Ghax xejn ma jservi lilu li jipprova li hu jahseb li l-addebitu minnu maghmul kien veru. Darba moghtija l-eccezjoni tal-verita` tal-fatti l-unika haga li tista' issostniha hi l-prova obbjettiva tal-verita` tal-fatti, u xejn ma ghandha x'taqsam il-prova ta' l-istat subjettiv tac-certezza tad-diffamatur.[23]

42. Illi gie stabbilit ukoll fil-gurisprudenza nostrana[24] u anke dik Ingliza illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed ghandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph**[25]:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."*

43. Illi l-artiklu in kwistjoni jibda bil-kliem *"Kerstin Catania, prigunier fil-Habs dwar droga"* (fatt minnu nnifsu li ma' jirrizultax mix-xhiedha) u jkompli *inter alia* fuq ix-xebgha li qala minn prigunieri Gharab fl-isolation cell fejn kien spicca wara li skond l-artikolist instabulu oggetti illegali. Ghal din il-Qorti m'hemmx dubbju illi qarrej ordinarju li jaqra dan l-artiklu facilment jikkonkludi illi l-oggetti llegali misjuba fic-cella ta' habsi, li skond l-istess artiklu qieghed il-habs fuq kaz ta' droga, huma x'aktarx oggetti relatati mad-droga.

[23] **Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi** (QTA:CIV:285:1994:2 deciza fil-21 ta' Gunju 2005)
[24] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (QTA:CIV: 947:1997:2 deciza fid-19 ta' April 2005)
[25] [1964] A.C. 234, 258.

44. Illi mix-xhiedha tieghu stess irrizulta illi r-rikorrent Catania kien qieghed jiskonta sentenza karcerarja wara li kien instab hati fuq "serq". Din kienet it-tieni darba tieghu u l-ewwel darba li dahal il-habs kien fuq kaz ta' serq ukoll.

45. Illi persuna li tinstab tiskonta sentenza karcerarja ghandha kull dritt li tithalla fil-paci fit-tentattivi taghha li tirrijabilita' ruhha (kif wara kollox ghandu jkun it-tir ta' kull persuna li tidhol il-habs) u ma' jistax jinghad illi ghax persuna diga ghandha reputazzjoni hazina jew mtebba allura din l-istess reputazzjoni tista tkompli titnaqqar minghajr riperkussjonijiet legali. F'dan ir-rigward **Gatley** jghid illi ***"evidence of a plaintiff's poor reputation is admissible only in mitigation of damages"***[26]

46. Illi ghalhekk il-Qorti issib li dan l-artiklu kien malafamanti fil-konfront tar-rikorrent Kirsten Catania.

47. Illi fir-rigward tar-rikorrenti Grace Cini u l-ilment taghha li l-artiklu jidhol f' kwistjonijiet familjari taghha, irid jinghad li kienet l-istess rikorrenti li esponiet ghall-pubbliku l-problemi personali tal-familja taghha. Ix-xhud Saviour Lia jikkonferma li kienet saret telefonata mir-rikorrent Cini permezz tat-telephone tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin lil media house ta' Xarabank u li huwa sema' r-recording:

*"Dr. Larry John Formosa: Issa inti ghidtilna li vverifikajtu x'telefonati saru, tajjeb, imma l-kontenut tat-telefonati imma iccekkjajtuh?*

*Ix-Xhud: Kienet l-intervista li harget fil-media.*

*Dr Larry John Formosa: Mal-media ma' min?*

*Ix-Xhud: Mal-Media house ta' Xarabank.*

*Dr Larry John Formosa: U taf tghidilna s-suggett fuq xiex kien?*

*Ix-Xhud: Rigward it-talba li kien hemm li Kirsten jinghata l-permess imur ghal-*

*Maghmudija u minhabba ragunijiet ta' dixxiplina ma kienx...*

*Il-Qorti: Igifieri intom, biex inkun naf jien, intom irnexxielkhom tisimgħu t-telefonata?*

*Ix-xhud: It-telefonata li ħarget fuq il-media kienet l-istess telefonata li giet rekordjata fuq it-telephone."*[27]

[26] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., para. 1414.
[27] Fol. 61

48. Illi huwa minnu li r-rikorrenti Cini ma' kienet zvelat xejn lill-intimati u filfatt kienet ghamlet hekk "biss" lill-*producers* tal-programm Xarabank pero huwa fatt notorju u maghruf illi dan il-programm ghandu firxa ta' udjenza wiesa' immens fis-socjeta' Maltija. Galadarba r-rikorrent ghazlet li tesponi b'fil-pubbliku b'mod daqstant miftuh kwistjonijiet familjari allura issa ma tistax tilmenta li r-rapportaġġ fuq dan l-aspett kiber sproporzjonalment meta s-sors u l-instigatur ta' din l-informazzjoni kienet hija stess. Il-kunsiderazzjoni fuq dan l-aspett jghoddu ghall-artikli kollha mertu ta' dan ir-rikors;

49. Illi ghalhekk il-Qorti ma' ssibx illi dan l-artiklu (kif ukoll l-artikli l-ohra fir-rigward tal-"esposizzjoni" tal-hajja personali tar-rikorrenti) kien b'xi mod malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti Grace Cini

*L-artiklu pubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" tal-10 ta' Awwissu 2017 intitolat "Ommu ma titħalliex tarah"*

50. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom ir-rikorrenti stqarrew li l-ilmenti taghhom dwar dan l-artiklu fil-qosor huma:

    - Gie pubblikat ritratt fl-ewwel faccjata tal-attur
    - Fl-ewwel faccata kitbu "**ma hux eskluz** li dak li gara nhar it-Tnejn filghodu hu b' xi mod jew **iehor relatat man-negozju tad-droga** gewwa l-konfini tal-Habs." [enfazi tal-atturi]
    - F' pagna 3 fejn titkompla fuq il-problemi tal-ħabs u d-droga u jigi rapportat "Mela ara l-verita' x' inhi . . . dan hu ritratt tad-droga u **cellulari** minn wahda mid-Diviżjonijiet tal-Ħabs." [enfasi tar-rikorrenti].[28]
    - L-artiklu jkompli jidħol fir-relazzjonijiet personali ta' bejn l-atturi u l-familja tieghu

51. Illi rigward ir-ritratt pubblikat u tal-ilment li l-artiklu jidhol fir-relazzjonijiet personali bejn ir-rikorrenti u l-familja taghhom, din il-Qorti diga' ghamlet il-kummenti taghha izjed 'l fuq.

52. Illi dwar it-tieni ilment hawnhekk il-bazi tieghu m'huwiex illi gie rrapurtat b'mod falz illi nstabu oggetti llegali IMMA illi gie rrappurtat b'mod falz u malafamanti li l-glieda li fiha r-rikorrent Catania kien qala xebgha setghet kienet dovuta ghal problema relatata mad-droga.

53. Illi kif gie stabbilit mix-xhiedha huwa veru li instabu oġġetti suspettużi fic-cella tar-rikorrent Kirsten Caruana, u huwa veru li giet involuta l-pulizija u li infethet

[28] Din is-sottomissjoni saret fil-post zbaljat fin-nota finali tar-rikorrenti peress illi kienet taht l-intestatura tal-artiklu tal-11 ta' Awwissu 2017 mentri kellha filfatt tirreferi ghall-artiklu tal-10 ta' Awwissu 2017. Dan sehh minhabba li l-pagni gew esebiti b'mod hazin mir-rikorrenti u dawn baqghu ma' ndunawx b'dan l-izball sal-ahhar.

inkjesta maġisterjali pero imbaghad sussegwentement irrizulta illi dawn l-oggetti ma' kienux xi sustanza llegali bhal droga.

54. Illi meta inkiteb l-artiklu certament ma kienx eskluz li x-xebgha li qala r-rikorrent Catania kienet dovuta ghal problema relatata mad-droga u dan mhux l-anqas minhabba l-ammont ta' sustanza li eventwalment irrizulta minn testijiet xjentifici li kienet tabbakk li instabet fic-cella tar-rikorrent Kirsten Catania. Anke jekk in-ness bejn l-attakk li kien involut fih ir-rikorrent Catania u s-sejba tal-oggetti (illegali jew le) fic-cella tar-rikorrent baqa' qatt ma' giet ppruvat mill-intimati, madanakollu bl-uzu tal-kliem "**ma hux eskluz"** ma' jistax jinghad illi r-rappurtagg kien wiehed falz jew malafamanti fir-rigward tar-rikorrent Catania ghaliex tabilhaqq f'dak l-istadju xejn ma' kien eskluz.

55. Illi r-rikorrenti jilmentaw mill-kliem segwenti: "*Mela ara l-verita' x' inhi . . . dan hu ritratt tad-droga u* ***cellulari*** *minn wahda mid-Diviżjonijiet tal-Ħabs.*" Fil-kuntest tal-artiklu dawn il-kliem pero bl-ebda mod ma' jimplikaw illi d-droga u cellulari msemmija kienu misjuba ghand ir-rikorrenti jew min minnhom. Ghalhekk din il-parti certament ma' tistax tigi meqjusa malafamanti fil-konfront taghhom.

56. Ma' hemm xejn f'dan l-artiklu li b'xi mod jista jinghad li mmalafama lir-rikorrenti l-ohra Grace Cini, li kif diga inghad izjed 'l fuq kienet hi stess li ddecidiet li xxandar l-affarijiet personali ta' binha u tal-familja taghha fuq il-*media lokali.*

*L-artiklu pubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" tal-11 ta' Awissu 2017 intitolat "TITKELLEM OMM IT-TARBIJA ... WARA LI L-MISSIER KIEN IMSAWWAT FIL-HABS – Ngħix ghal binti ... li llum tassew ma jonqosha xejn"*

57. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali taghhom ir-rikorrenti stqarrew li l-ilmenti taghhom dwar dan l-artiklu fil-qosor huma:

- Ġie ppubblikat ritratt tar-rikorrent Catania, l-*ex-partner* tieghu u binthom fl-ewwel faccata u saret referenza ghal kwistjonijiet familjari tal-partijiet.
- Fl-ewwel paġna gie rrappurtat. "Hi qed tiskonta priġunerija relatata mad-droga u mill-Ħabs, **permezz ta' cellulari**, tkellmet mal-media u ghamlet appell lil awtoritajiet tal-Ħabs biex binha jitħalla joħroġ biex ikun preżenti ghall-magħmudija tat-tifla tieghu." (enfasi tar-rikorrenti).
- Dan l-artiklu jitkompla f' paġna 3 tal-gurnal fejn gie rapportat. "Mhux magħrufa r-raguni preciza dwar dan l-incident serju f' Divizjoni Sitta, izda sorsi li tkellmu man-Nazzjon qalulna li **probbabilment kollox idur ma negozju tad-droga."** [enfasi tar-rikorrenti].[29]

[29] Din is-sottomissjoni saret fil-post zbaljat fin-nota finali tar-rikorrenti peress illi kienet taht l-intestatura tal-artiklu tal-10 ta' Awwissu 2017 mentri kellha filfatt tirreferi ghall-artiklu tal-11 ta' Awwissu 2017.

58. Illi f'dan l-artiklu l-enfazi huwa dwar l-*ex-partner* tar-rikorrent Catania li qeghda barra l-habs. Madanakollu fl-artiklu jissemma ukoll b'mod prominenti li b'riferenza ghall-glieda fejn gie attakkat l-istess rikorrent, skond "sorsi li tkellmu man-Nazzjon" kollox "probbabilment … idur ma negozju tad-droga".

59. Illi gie rrappurtat illi r-rikorrenti Cini *"permezz ta' cellulari, tkellmet mal-media u ghamlet appelli lill-awtoritajiet tal-habs biex binha jithalla johrog biex ikun prezenti ghall-maghmudija tat-tifla tieghu".*

60. Illi rrizulta ampjament li r-rikorrenti Grace Cini użat it-telephone fiss tal-habs biex iccempel lil media house ta' Xarabank biex tilmenta li binha r-rikorrent l-iehor Kirsten Catania ma ingħatax il-permess jattendi ghal magħmudija ta' bintu ghal ragunijiet li m'humiex relatati mal-incidenti li gew rrappurtati mill-ġurnali fl-artikli. Dan jirrizulta mix-xhiedha ta' Saviour Lia kif ikkwotata aktar l-fuq.

    Jirrizulta ukoll li fil-pussess tar-rikorrenti Cini qatt ma instab cellulari. Mistoqsija in kontro-eżami fuq jekk hemmx nies bil-mobiles gewwa l-Habs hija tirrispondi: *"Jien naf. Fin-naha tiegħi fid-dormitorju qatt ma nstab mobile. Qatt ma nstab mobile u searches ingħatajna kemm il-darba."*[30]

    Ix-xhud Nigel Bruno jikkonferma dan meta qal fir-rigward ta' dwar jekk kienx ircievha rapporti fuq is-sejbin ta' cellulari: *"Jien ukoll ic-chairman tal-bord tad-dixxiplina. Imma qatt ma ġie . . . dan ir-rapport qatt ma ġie quddiemi. Quddiemi bhala chairman tal-bord ta' dixxiplina qatt ma gie li hemm allegat, jien naf biex niehdu passi dixxiplinari."*[31]

    Maria Vassallo stazzjonata gewwa l-Habs ta' Kordin in charge tal-female section qalet illi: *"No. Searches ma sarux ghand Grace zgur u lanqas ma nstab xejn ghandha."*[32] ... *"ġeneralment jekk ikollna xi suspett, jew ikollna xi informazzjoni. Hekk isiru s-searches"* [33] ... *"ma saritx search l-anqas wara li hargu l-artikli ghax ma kellhomx suspetti ta' xejn"*[34] ... *"kemm il-darba għamilnilha search lil Grace qatt ma sibnielha dawn l-affarijiet."*[35]

61. Illi d-difiza ta' *fair comment* u gustifikazzjoni tal-fatti ghalhekk taqa' ukoll fir-rigward ta' din l-allegazzjoni. Madanakollu l-Qorti trid tizen jekk dawn il-kliem kienux malafamanti fil-konfront tar-rikorrent Cini. Filwaqt li l-intimati jghidu

[30] Fol.27
[31] Fol. 40
[32] Fol.48
[33] Fol. 48
[34] Fol. 50
[35] Fol. 51

fin-nota finali taghhom illi l-allegat uzu tac-cellulari kien *"dettall zghir li ma kellu l-ebda konsegwenza ghaliha jekk wiehed jaccetta li ma kinitx saret minn mobile cellulari izda (minn) linja fissa*", ir-rikorrenti madanakollu tghid fin-nota finali taghha illi hassitha ngurjata u mmalafamata peress li gie attribwit lilha azzjoni illegali li l-istess rikorrenti issostni li ma' ghamlitx. Hawnhekk il-Qorti ma' tikkondividix din il-fehma tar-rikorrenti mhux l-anqas ghaliex daqs kemm l-uzu tat-tabakk fil-habs fi kwantita' izjed milli suppost m'huwiex att illegali imma semmai ksur tar-regolamenti interni tal-habs suggett ghal passi dixxiplinari interni, l-istess jghodd ghall-uzu tac-cellulari. Ma' jistax jinghad b'daqshekk illi l-ghan tal-malafama kien li tnaqqas jew ixxejjen ir-reputazzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk il-Qorti ma' ssibx li dan l-artiklu kien malafamanti fil-konfront taghha taht l-Artikolu 28 tal-Kap. 248, anke jekk kien zbaljat.

62. Illi rigward l-uzu tal-kliem uzat fl-artiklu li "sorsi li tkellmu man-Nazzjon qalulna li **probbabilment kollox idur ma negozju tad-droga"**, hawnhekk l-awtur tal-artiklu qabez mill-possibbli (li deher fil-harga tal-gurnata ta' qabel) ghall-probabbli f'temp ta' gurnata, b'mod illi f'daqqa wahda l-element tad-droga sar ferm izjed qawwi fir-rappurtagg.

63. Illi rigward dak li gara fid-Divizjoni Sitta, fejn l-attur Kirsten Catania ġie detenut wara s-sejba tas-sustanzi allegatament illeciti, ma' giex kontestat li huwa verament qala' xebgha minn prigunieri ohra ta' karnagjon skura.

Ix-xhud <u>Nigel Bruno</u>[36], Assistant Correctional Manager, ikkonferma li huwa ra t-tbenġil fuq il-persuna ta' l-attur Kirsten Catania.

Meta xehed in kontro-eżami l-istess Kirsten Catania xehed kif gej:

*"Dr Peter Fenech: Tajjeb. Dak dejqek. Sebat ijiem shah fuq il-gazetti ghalxejn. Tajjeb. Issa . . .inti kont involut fi glieda dawk il-jiem Sur Catania.*

*Ix-Xhud: Kelli argument.*

*Dr Peter Fenech: Tajjeb. Fejn sehhet il-glieda.*

*Ix-Xhud: Divizjoni 6.*

*Dr Peter Fenech: ma' min u meta?*

*Ix-xhud: il-ġurnata ma niftakarhiex.*

*Dr Peter Fenech: tajjeb. Mela ejja nghidu li kienet f' Awwissu dak iz-zmien, jiena nafha l-ġurnata, irrizultatli. Ma min?*

[36] Fol. 37 sa 46

*Ix-xhud. Minn zewgt mill-prigunieri.*

*Dr Peter Fenech: U ta' x' nazzjonalita?*

*Ix-xhud: Barranija."*[37]

64. Illi r-raġuni ghaliex inqalat il-ġlieda baqghet ma gietx zvelata mir-rikorrent u għalhekk ma jistax jigi eskluż ir-raġuni ghala huwa spicca mbengel inkluz li dan kien "b' xi mod jew iehor relatat man-negozju tad-droga". Ma' jistax jinghad pero illi rrizulta illi dan kien "probbabilment" idur ma negozju tad-droga. Dan il-fatt ma' rrizultax u kien jinkombi fuq l-intimati li jippruvawh. Ma jistax jinghad li dak li gie miktub f'dan ir-rigward jista' ghalhekk jigi ikkunsidrat bhala veritier jew *fair comment* tal-intimati u ghalhekk qed jigi meqjus bhala rappurtagg libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent Catania ai termini tal-Art. 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

*<u>L-artiklu pubblikat fil-gazzetta "Il-Mument" tat-13 ta' Awwissu 2017 intitolat "IX-XEBGĦA TA' PRIĠUNIER MALTI FIL-ĦABS" - Mhux Eskluza tpattija minhabba negozju dwar droga"</u>*

65. L-ilmenti tar-rikorrenti dwar dan l-artiklu fil-qosor huma s-segwenti:

- F' pagna 2 ta' dan l-artiklu gie ppubblikat ritratt tar-rikorrent Catania u gie rappurtat li "sorsi li tkellmu ma il-Mument fissru li qabel ma sehh l-incident Pulizja tal-SRT fittxew fic-cella tal-prigunier imsawwat u sabu **jew droga u oġġetti ohra relatati mad-droga.**" [enfasi tar-rikorrenti]
- "Dawk li tkellmu ma' il-Mument qalu li dak li ġara **probabilment ghandu l-għeruq tieghu dwar xi negozju tad-droga bejn il-partijiet** involuti li ma' sehhx kif wiehed stenna bir-rizultat li l-prigunieri Għarab stennew l-okkazzjoni biex jaghmlu l-kontijiet mal-prigunier Malti."[enfasi tar-rikorrenti]

66. Illi l-ilmenti tar-rikorrenti fuq dan l-artiklu huma sostanzjalment l-istess dwar l-ilmenti taghhom fuq l-artikli l-ohra. A skans ta' ripettizzjoni inutili l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti f'dak li jirrigwarda l-konstatazzjoni tal-fatti rrappurtati jgħoddu anki ghal dan l-artiklu fejn jirrigwarda r-rappurtaġġ tat-tfittxija li fl-ahhar mill-ahhar ma' rrizultatx fis-sejbien ta' drogi jew oggetti ohra relatati mad-droga.

67. F' dak li jirrigwarda r-rapportagg dwar ir-raguni ghaliex ir-rikorrent Cini ssawwat dan imur oltre dak li gie rappurtat fl-artiklu tal- 10 ta' Awwissu 2017. L-intimat Mikallef f' dan il-kaz kompla jzejjen l-istorja u kabbarha billi qal li l-

[37] Fol. 99-100

glieda "**probabilment"** ghandha l-għeruq taghha dwar xi negozju tad-droga bejn il-partijiet involuti li ma sehhx kif wiehed stenna bir-rizultat li l-prigunieri Gharab stennew l-okkazzjoni biex jaghmlu l-kontijiet mal-prigunier Malti. Dawn l-allegazzjonijiet ma' gewx ppruvati u kien jinkombi fuq l-intimati, specjalment galadarba eccepew il-verita tal-fatti, li jippruvawhom. Ghalhekk dan l-artiklu ukoll ghandu inferenza libelluza u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent Kirsten Catania. M'hemm xejn malafamanti pero fir-rigward tar-rikorrenti l-ohra Grace Cini.

<u>*Danni*</u>

68. Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati jecepixxu illi m' hemmx danni x' jigu likwidati fil-proceduri odjerni.

69. Illi huwa minnu illi r-rikorrenti ma' kkwantifikawx xi ammont ta' danni li soffrew bir-rappurtagg lamentat ghajr ghal inkonvenjenza kbira. Madanakollu kif inhuwa ben risaput fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-danni ghall-malafama taht l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) mhuwiex neċessarju li dawn id-danni jkunu rejali u attwali, imma jistgħu jkunu biss ta' indole morali.

70. Din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwida d-danni morali. Madanakollu kif inghad mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **<u>Dr Andrew Borg Cardona et vs Aaron Farrugia</u>** (QTA:267:2014:1:AE deciza fit 18 ta' Dicembru 2018) *"jkun iktar floku jekk f'kawza ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza taghti r-ragunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut ihallas. Hemm diversi ragunijiet, bhal per ezempju:*

- *In-natura u s-serjeta tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun ghamel apologija jew offra li jaghmel apologija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verita tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun gew imxandra jkunu rrizultaw li huma veri;"*

71. Mehud dana kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet:

i. Ir-rikorrenti ma kkwantifikaw ebda danni illi setghu sofrew b'rizultat ta' dak ippubblikat;

ii. L-allegazzjonijiet *in parte* kienu ta' natura serja hafna fil-konfront tar-rikorrent Catania stante illi gew attribwiti lilu attivitajiet illeciti relatati mad-droga u mat-traffikar taghha;

iii. Ir-rikorrent Catania gie mcappas b'mod prominenti ghal numru ta' jiem fuq gazzetta b'firxa wiesa ta' qarrejja;

iv. L-intimati fl-ebda stadju ma' offrew xi forma ta' apologija anzi insistew fuq il-verita tal-fatti (xi haga li huma sussegwentement ma' ppruvawx)

v. Fir-rigward tar-reputazzjoni tar-rikorrent Catania, kif diga' ntqal izjed 'l fuq, ***evidence of a plaintiff's poor reputation is admissible only in mitigation of damages*** u l-Qorti ma' tistax ma' tiehux in konsiderazzjoni illi bhala resident gewwa l-Habs ta' Kordin (ghat-tieni darba) ir-rikorrent ma' kellux xi reputazzjoni impekkabbli li sofriet immensament bil-hrug ta' dawn l-artikli.

72. Ghalhekk il-Qorti, wara li qieset dan kollu hija tal-fehma illi s-somma ta' elf u hames mitt euro (€ 1,500) ikun kumpens xieraq bhala danni morali għall-malafama sofferta mir-rikorrent Kirstem Catania.

**Decide**

73. Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddisponi minn din il-kawza billi:

**(a) Fir-rigward tar-rikorrent Grace Cini, tichad it-talbiet taghha u tilqa' l-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati;**

**(b) Fir-rigward tar-rikorrent Kirsten Catania:**

**i. f'dak li ghandhom x'jaqsmu l-artiklu ppubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" tad-9 ta' Awissu 2017 intitolat "Priġunier jaqla' xebgħa minn priġunieri Għarab", l-artiklu ppubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" tal-11 ta' Awissu 2017 intitolat "titkellem omm it-tarbija … wara li l-missier kien imsawwat fil-habs – ngħix ghal binti … li llum tassew ma jonqosha xejn" u l-artiklu ppubblikat fil-gurnal "Il-Mument" tat-13 ta' Awissu 2017 intitolat "Ix-Xebgha ta' Prigunier Malti fil-Habs - Mhux eskluza tpattija minhabba negozju tad-droga", tiddikjara illi dawn kienu libelluzi u malafamanti fil-konfront tieghu u ghalhekk tilqa' t-talbiet tieghu, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tikkundanna lill-istess intimati jhallsu lir-rikorrent Kirsten Catania s-somma ta' elf u hames mitt euro (€ 1,500) in linea ta' danni ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghaxijiet legali mid-data ta' dan il-gudizzju;**

**ii. f'dak li ghandu x'jaqsam l-artiklu ppubblikat fil-gazzetta "In-Nazzjon" tal-10 ta' Awwissu 2017 intitolat "Ommu ma titħalliex**

**tarah" il-Qorti tichad it-talbiet tieghu u tilqa' l-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati;**

**(c) Fir-rigward ta' spejjez ta' din il-kawza tiddeciedi li dawn ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs.**

**Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**